MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 10/2003

Victor Theuma

vs

Mary Calleja

Il-Qorti,

Rat l-Avviż ta' l-attur fejn talab lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti, tħallas lill-attur is-somma ta’ elfejn mitejn u erbgħa u ħamsin liri Maltin (LM 2254) dovuti lilu attur għal ħlas ta’ xogħol u spejjeż relatati ma’ xogħol ta’ kostruzzjoni reżi minnu lilek konvenuta fuq inkarigu tiegħek, f’fond fi triq ir-Repubblika Victoria, Għawdex, liema xogħlijiet dejjem kienu aċċettati minnek.

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet preżentat kontestwalment ma’ dan l-avviż, u ta’ l-ittri interpellatorji tas-16 ta’ Awwissu 2002, tat-23 ta’ Settembru 20025, u tat-2 ta’ Diċembru 2002. Bl-inġunzjoni tas-soċjeta’ konvenuta għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:
Illi l-ammont mitlub huwa wieħed esaġerat u gonfjat għall-aħħar, meta wieħed jikkunsidra l-entita’ tax-xogħol realment u effettivament imwettaq mill-attur.

Illi infatti, l-esponenti otteniet stima mingħand il-perit Emanuel Vella tax-xogħol esegwit, u talbitu illi jikkalkola l-prezz bl-aktar rati vantaġġjużi għall-kuntratt kurrenti fis-suq f’dawn iż-żminijiet. Skond l-istima tal-perit Vella, l-ammont dovut ma għandux jiżboq elf seba’ mija ui erbgħin lira maltija (Lm1740), u l-esponenti ripetutament offriet din is-somma lill-attur – saħansitra permezz ta’ assenn bankarju rilaxxjat mill-Bank of Valletta fit-2 ta’ Awissu 2002. Irriżulta illi meta hija spediet dan l-assenn bankarju lill-konvenut permezz ta’ ittra tat-12 ta’ Awissu 2002, dan irritorna dan l-assenn lkura mhux imsarraf.

In segwitu l-esponenti offriet ukoll illi x-xogħol esegwit mill-attur jitkejjel u jiġi stmat minn perit indipendenti, imma dan xorta reġa’ irrifjuta din l-offerta.

L-esponenti tiddikjara illi hija għadha lesa illi tħallas l-Lm1740 lill-attur. Jekk jirriżulta, kif għandu jirriżulta, illi dan huwa prezz ġust, l-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jiġu sopportati interament mill-attur għaliex jkun huwa illi intavola din il-kawża għal xejn.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Ottubru 2003 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku, ppreżentata fil-11 ta' Mejju 2009 u minnu maħlufa fit-28 ta' Awwissu 2009.

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' Mejju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat in-nota ta' l-attur tal-5 ta' Mejju 2010 li biha ddikjara li huwa kien irċieva pagament ta' Lm1739.93 mingħand l-attriċi fl-4 ta' Frar 2005.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur talab mingħand il-konvenuta l-ħlas ta' elfejn mitejn u erbgħa u ħamsin lira maltija (Lm2254), għal xogħol u spejjeż relatati mal-bini ta' ħajt diviżorju.[1] Il-konvenuta opponiet it-talba għar-raġuni illi tqis l-istess talba bħala esaġerata, Infatti hija pproduċiet stima ta' l-istess xogħol magħmula mill-perit Emanuel Vella fuq inkarigu tagħha li ffissa s-somma dovuta għal LM1739.93.[2]

Jidher illi l-kontendenti ma kienux qed jaqblu fuq il-parti tal-kont li kienet qed tirreferi għall-ħlas għat-tkissir tal-pedament il-qadim, li kellu jitneħħa biex minfloku isir pedament ġdid u iżjed b'saħħtu li jkun jiflaħ il-ħajt il-ġdid. Il-perit tekniku stabilixxa illi l-perit Vella ma kienx ħa in konsiderazzjoni l-paga tal-ħaddiema li kien hemm bżonn biex jitkisser dan il-pedament, u kkalkula biss il-ħlas għall-kiri tal-kompressur. Minn naħa l-oħra kien ta' l-opinjoni illi żewġ ħaddiema kienu biżżejjed biex jagħmlu dan ix-xogħol u għalhekk rriduċa s-somma ta' disat'ijiem paga żejda li kien talab l-attur għat-tielet ħaddiem. Il-perit tekniku dherlu wkoll illi r-rata għall-bini tal-ħajt il-ġdid kellha tiżdied bis-somma ta' Lm57.48 minn kif kien ikkalkolaha l-perit Vella, peress li l-ġebel kellu jiddaħħal bl-idejn minħabba t-tixrib fl-art.[3] B'hekk ġie illi l-kont ta' l-attur

[1] Dok. VT 1 a fol. 48 tal-proċess .
[2] Dok. EV 1 a fol. 47 .
[3] ara rapport peritali a fol. 44 .

rriżulta esaġerat bl-ammont ta' Lm162.66 - Lm57,48 = Lm105.18 biss.[4] Billi fil-mori tal-kawża l-konvenuta ħallset lill-attur dak li dehrilha li kien ġustament dovut lilu, u ċioe' s-somma ta' Lm1739.93,[5] jiġi li għadu dovut lill-attur: Lm2254 - Lm1739.93 - Lm105.18 = Lm408.89.

Il-konvenuta tippretendi illi m'għandhiex tħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża billi rriżulta tassew illi l-kont ta' l-attur kien esaġerat, u terġa' qabel ma ġiet istitwita l-kawża hija kienet offriet is-somma stabilita mill-perit tagħha lill-attur, permezz ta' *bank draft*, iżda dan irrifjutah u bagħtu lura mhux imsarraf. Madankollu l-konvenuta ma pproċedietx billi tiddepożita dawn il-flus fir-reġistru ta' din il-Qorti biex tkun tista' teżimi ruħha mir-responsabilita', u l-attur dam kważi sentejn ma rċieva ta' l-inqas l-ammont li ma kienx in disputa.

Għalhekk u tenut kont ukoll tad-diskrepanza minima li sab il-perit tekniku fil-kont ta' l-attur, jidher illi hemm lok ta' temperament żgħir a favur tal-konvenuta fil-kap ta' l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tmien liri maltin u disa' u tmenin ċenteżmu (LM408.89) pari llum għal disa' mija tnejn u ħamsin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (EUR952.71) dovuti bħala bilanċ minn somma akbar għal xogħol u spejjeż in konnessjoni mal-bini ta' ħajt diviżorju mill-istess attur fuq inkarigu tagħha.

L-ispejjeż ikunu ssoportati kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-konvenuta u kwint (1/5) mill-attur. Bl-imgħaxijiet legali fuq is-somma realment dovuta ta' Lm2148.82, pari llum għal EUR5007 mid-data ta' dan l-Avviż sal-4 ta' Frar 2005, meta sar il-pagament ta' LM1739.93, u bl-imgħaxijiet fuq il-bilanċ minn dik id-data sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta.

[4] ara rapport tal-perit tekniku a fol. 45 – 46 .
[5] ara Nota a fol. 69 .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------